MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali Numru. 351/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Ant. Portelli)**

**Vs**
Alfred Scicluna

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-Gharghur, nhar is-17 ta' Dicembru, 2005, ghall-habta tad-9.15am, flimkien ma' persuna ohra,**
**1) ikkommetta serq mill-fond numru 18, Triq Kromb il-Bahar, Gharghur liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-mezz, u bil-valur li jiskorri Lm1,000.00 (elf lira Maltin), u dan sar ghad-detriment ta' Carmela Fenech, u persuni ohra;**

**2) fl-istess data, hin, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorriex il-Lm50 (hamsin lira Maltin), u li saret ghad-detriment tal-imsemmija Carmela Fenech u persuni ohra;**
**3) U fl-ahharnett talli rrenda ruhu recediv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Appell datati 30 ta’ April, 2004, u 12 ta’ Dicembru, 1995.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Dicembru, 2005, li biha, wara li rat l-Artikoli 21, 49, 50, 261, 263, 267, 269, 289 u 325 tal-Kap. 9, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u kkundannatu ghal perjodu ta’ sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ snin, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, taht supervizjoni ta’ ufficjal tal-Probation ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, waqt liema perjodu l-imputat ghandu jattendi ghal programm ta’ riabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga. Ordnat ukoll li jithallas kumpens ta’ hames mitt lira Maltin (LM500) lid-derubata Carmela Fenech, ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fi zmien sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-27 ta’ Dicembru, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonferma s-sejbien ta’ htija, izda tirrevoka l-piena moghtija w minflok tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravju tal-Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti w cioe’ filli filwaqt li l-Ewwel Qorti kienet korretta li, fuq l-ammissjoni tal-akkuzat, sabet htija fuq l-akkuzi kollha inkluza tar-recidiva, pero’ sentenza sospiza ma setghetx tinghata f’ dan il-kaz peress li l-appellat hu recidiv. Dan imur kontra dak dispost fl-artikolu 28A (2) (b) (Sic!) tal-Kodici Kriminali w ghalhekk il-piena karcerarja kellha tkun effettiva.

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Rat il-verbal tad-Dottoressa Michela Spiteri ghall-prosekuzzjoni li bih ddikjarat li taqbel li kien hemm zbal fil-paragrafu tal-aggravji ghaliex minflok l-artikolu 28A(2)(b), suppost gie citat l-artikolu 28A(7)(b).**

**Illi l-prosekuzzjoni, interpellata ripetutament jekk, in vista ta' dan, rieditx izzid xi haga, kull ma ghamlet kien li lissnet il-kliem : *"Lapsus Calami".***

**Ikkonsidrat ;**

**Illi huwa l-artikolu 28A (7) (b) li jiddisponi li :-**

*"Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu MA GHANDUX ISIR (emfasi ta' din il-Qorti) f' xi wiehed mill-kazijiet li gejjin :-*

***(b) meta l-ikkundannat ikun recidiv fit-termini tal-artikolu 50".***

Illi fil-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghalkemm jezisti l-artikolu 28A subinciz (2), ma hemm l-ebda sub, subinciz (b) u ghalhekk jidher manifest illi l-artikolu citat mill-prosekuzzjoni bhala l-bazi tal-uniku aggravju taghha gie citat skorrettement.

**Illi f'ebda hin ma ntalbet xi korrezzjoni mill-prosekuzzjoni biex jigi rettifikat dan l-izball minkejja li l-Qorti ripetutament irrivolgiet ruhha lejn il-prosekuzzjoni biex tara jekk tridx izzid jew taghmel xi haga qabel ma tigi pronunzjata s-sentenza, invit li anki rega' sar wara li l-Qorti bdiet taqra l-parti preliminari tas-sentenza.**

**Illi fl-assenza ta' talba simili din il-Qorti thoss li jkun odjus li tordna hi stess "marte proprio" xi korrezzjoni fir-rikors tal-appell.**

**Illi ghalkemm fl-aggravju telegrafiku ghall-ahhar jintqal li l-Ewwel Qorti, in vista tar-recidiva tal-appellat**

**ma setghetx taghti sentenza sospiza, dan intrabat mal-fatt li dan imur kontra dak dizpost f'subinciz ta' artikolu zbaljat u sub subinciz li ma jezistix.**

**Kjarament din il-Qorti ma setghetx tipprocedi billi takkorda l-aggravju tal-Avukat Generali li hu bazat fuq citazzjoni zbaljata tal-ligi bla ma hi stess tkun qed tabbracja l-istess zball u taghmlu taghha.**

**Ghaldaqstant in vista li l-aggravju huwa bbazat fuq din ic-citazzjoni skorretta tal-ligi, din il-Qorti tirretjeni li, kif impostat, l-uniku aggravju tal-appellant huwa nfondat fil-ligi.**

**Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------